# Is-Seba' Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.*

Lev 19, 1-2.17-18

**Qari mill-Ktieb tal-Levitku**

[1]Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu: [2]«Għid lill-ġemgħa kollha ta' wlied
Iżrael: "Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla
tagħkom.

[17]La tbejjitx lil ħuk f'qalbek, imma lil għajrek wissih u erġa' wissih,
biex ma tkunx ħati tiegħu.

[18]La titħallasx b'idejk, u la żżommx f'qalbek għal ulied niesek, imma
ħobb lil għajrek bħalek innifsek: Jiena l-Mulej."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 102 (103), 1-2.3-4.8.10.12-13

R/. (8a): Ħanin u twajjeb il-Mulej

1 Bierek, ruħ tiegħi, lill-Mulej!
B'qalbi kollha nbierek l-isem qaddis tiegħu.
2 Bierek, ruħ tiegħi, lill-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek. R/.

3 Hu li jaħfer dnubietek kollha;
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
4 jifdi lil ħajtek mill-qabar;
iħaddnek bit-tjieba u bil-ħniena. R/.

8 Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.
10 Ma mexiex magħna skond ma ħaqqhom ħtijietna;
ma ħallasniex skond ma ħaqqha ħżunitna. R/.

12 Daqs kemm hu mbiegħed il-Lvant mill-Punent,
hekk hu jbiegħed minna ħtijietna.
13 Bħalma jħenn il-missier għal uliedu,
hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu. R/.

# Qari II

*Kollox tagħkom; u intom ta' Kristu, u Kristu ta' Alla.*

1 Kor 3, 16-23

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [16]ma tafux li intom tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla
jgħammar fikom? [17]Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred
lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom.

[18]Ħadd ma għandu jitqarraq! Jekk xi ħadd fostkom jaħseb li hu
għaref f'din id-dinja, ħa jiblieh, biex isir għaref. [19]Għax l-għerf ta' din
id-dinja hu bluha quddiem Alla. Għax hemm miktub: «Hu li jaqbad
l-għorrief fil-ħażen tagħhom»; [20]u terġa': «Il-Mulej jaf li fiergħa huma
l-ħsibijiet ta' l-għorrief.»

[21]Għalhekk ħadd ma għandu jiftaħar bil-bnedmin, għax kollox hu
tagħkom: [22]sew jekk Pawlu, sew jekk Apollo, sew jekk Kefa, sew jekk
id-dinja, sew jekk il-ħajja, sew jekk il-mewt, sew jekk iż-żmien ta'
issa, sew jekk li ġej; kollox hu tagħkom, [23]u intom ta' Kristu, u Kristu
ta' Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

1 Ġw 2, 5

Hallelujah. R/. Hallelujah
Kull min iżomm il-kelma ta' Kristu,
fih hemm tassew l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Ħobbu lill-għedewwa tagħkom.*

Mt 5, 38-48

### ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: 38«Smajtu xi ntqal:
"Għajn b'għajn u sinna b'sinna." 39Imma jiena ngħidilkom biex
bniedem ħażin ma tiqfulux; anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta
fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll; 40u lil min ikun irid
itellgħek il-qorti u jeħodlok il-libsa, ħallilu wkoll il-mantar. 41U
jekk xi ħadd iġagħlek timxi miegħu mil wieħed, mur miegħu tnejn.
42Agħti lil min jitolbok u ddawwarx spallejk lil min ikun irid jissellef
mingħandek.

43Smajtu xi ntqal: "Ħobb lil għajrek, u obgħod lill-għadu tiegħek."
44Imma jiena ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, u itolbu
għal dawk li jippersegwitawkom, 45biex tkunu wlied Missierkom li
hu fis-smewwiet; għax hu jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u
sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min
m'huwiex.

46Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom?
Mhux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan? 47U jekk issellmu lil
ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? Mhux il-pagani wkoll
jagħmluh dan? 48Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom
li hu fis-smewwiet.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu